**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha 16 ta' Ottubru, 2015**

**Fl-atti tal-ittra numru:- 207/2015JVC**

**Spiteri Salvu**

**Vs**

**Registratur, Qorti Tribunali Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta:-

Illi huwa rcieva ittra numru 207/2015 mid-Direttur tal-Qorti ta' Ghawdex liema ittra ntbaghtet ai termini tal-artiklu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa qed jinqeda bl-istess provizjoni tal-ligi sabiex jirrespingi t-talba hemmhekk imsemmija ghal diversi ragunijiet fosthom:

Illi l-esponenti ma ghandux x'jaqsam u lanqas jaf min hu dan ic-certu Martin Camilleri li r-Registratur iddikjarat li hija l-kreditrici tieghu.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-kawza numru 9/2012 fl-ismijiet Salvu Spiteri et vs Joseph Spiteri et giet deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u fil-fatt mirbuha mill-atturi, il-konvenut Joseph Spiteri appella mill-istess sentenza u ghalxejn l-atturi pruvaw jaghmlu mandat ezekuttiv fuq l-ammont li sahansitra ma giex ikkontestat ghaliex skont il-Qorti Onorabbli la hemm appell, kollox, sorte u spejjez ghadhom sub judice.

Konsegwentament u ghall-istess raguni, ma hux minnu li r-registratur tal-Qorti hija kreditrici f'dan l-ammont ghaliex is-sentenza u ghalhekk kull ammont li huwa marbut ma' l-istess ghadhom sub judice u ma ghaddewx in gudikat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din il-Qorti Onorabbli sabiex tappunta dan ir-rikors ghas-smigh skont il-ligi u wara li l-esponenti jkollu opportunita' igib a konjizzjoni dawn il-fatti quddiem il-Qorti, konsegwentment tiddikjara t-talba tar-registratur bhala nfondata fil-ligi.

Dan ir-rikors qed jigi ntavolat ai termini tal-artiklu 466 tal-Kap 12.

Rat ir-risposta ġuramentata tar-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) fejn eccepiet:

Illi huwa minnu illi fid-dikjarazzjoni mahlufa mir-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) saret referenza erronea ghal Martin Camilleri imma huwa evidenti illi dan kien zball tal-pinna ghax id-debitur huwa korrettament identifikat fl-istess dikjarazzjoni bin-numru tal-karta ta' identita' tieghu kif ukoll fl-ittra ufficjali nnifisha. Ghaldaqstant, tali zball ma halla l-ebda effett materjali fuq it-talba tal-esponenti fl-ittra ufficjali odjerna u r-rikorrent kien jaf sew x'inhu qieghed jigi dedott fil-konfront tieghu.

Illi fil-mertu, il-pretensjoni tar-rikorrent hija totalment infondata. Illi l-artiklu 3(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap.12 jiddisponi:

> B'zieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba <u>li biha tinbeda procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat,</u> u meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin: ...

Illi mbaghad l-artiklu 4 ta' l-istess Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 jiddisponi:

> 4(1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu, u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jigi ntaxxat skont ir-regoli li gejjin: ...

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skont il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza;

U effettivament dak li gara fil-kaz odjern ghax wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) kawza numru 9/2010 fl-ismijiet "Salvu Spiteri et vs Joseph Spiteri et", l-ammont ta hames mija u tnax-il elf sitt mija u erbgha u tletin euro (€512,634) gie likwidat bhala dovut lill-atturi meta l-kawza giet ipprezentata da liquidarsi u minghajr l-ebda ammont iddikjarat da parti ta' l-atturi bhala dovut. Ghaldaqstant, id-dritt tar-registru kellu jigi aggustat ai termini tal-artiklu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda tal-Kap.12 u l-attur intalab ihallas id-differenza bl-ittra ufficjali odjerna.

Illi tajjeb illi wiehed ighid ukoll illi a bazi tal-ammont hekk intaxxat wara li tinghata is-sentenza in prim'istanza illi jinhadem id-dritt ta' l-appell u anke l-malleverija (ara artikolu 3(5) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap.12) u ghaldaqstant, huwa essenzjali illi l-esponenti jwettaq l-ezercizzju kkontemplat fl-artiklu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap.12.

Illi l-lamentela tar-rikorrent illi huwa ghadu ma jgawdix titolu ezekuttiv u ma setax jitlob il-hrug ta' mandati ezekuttivi hija totalment bla bazi. Illi barra illi issa jista' dejjem jitlob il-hrug ta' mandati kawtelatorji fuq ammont li diga' gie likwidat minn qorti, huwa jista' ukoll jiskrivi ipoteka generali a bazi tas-sentenza in prim'istanza. Ovvjament, wara illi jinqata' l-appell pendenti, ikun jista' jittenta jirkupra l-ispejjez gudizzjarji illi jkun hareg skont kif dispost mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti Salvu Spiteri hija totalment infundata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2015;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li r-rikors thalla ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrent qajjem zewg aggravji li fuqhom qed issejjes it-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni tat-talba tad-Direttur konvenut bhala nfondata fil-ligi u cioe':

1. Illi isem id-debitur fid-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur annessa mal-ittra ufficcjali in kwistjoni huwa ndikat bhala Martin Camilleri u mhux Salvu Spiteri;

2. Illi d-decizjoni in kwistjoni ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell u ghaldaqstant ghadha sub judice;

Illi fir-rigward tat-tieni lment din il-Qorti kif presedeuta gia kellha l-opportunita' li tesprimi ruhha fid-decizjoni fl-ismijiet '**Registratur tal-Qrati u Tribunal (Ghawdex) vs. Northern Leisure'** deciza nhar is-7 ta' Awissu, 2015 kif isegwi:

*'Il-Qorti filwaqt li fehmet l-argument tar-rikorrenti li xi ftit jew wisq prima facie ma jaghmilx sens li jintalab il-hlas tad-dritt dovut lir-Registru qabel ma jinqata' l-appell mill-istess sentenza, anki ghaliex jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn decizjoni fl-appell tkun differenti minn dik tal-Prim'Istanza, f'liema kaz dak li jkun gia hallas jista' jsib ruhu li jrid jitlob lura l-flus imhallsa minnu, wara li qieset sew kemm gurisprudenza kif ukoll dak li jinghad fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizultalha li l-agrument tar-rikorrenti li sentenza fil-prim'istanza mihjiex kunsidrata bhala wahda finali mhux argument legalment korrett.*

*Illi ghall-fini ta' interpretazzjoni tal-kelma finali fil-kuntest ukoll ta' appell, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***'Kurunell Stephen Borg vs. AIC Gustavo Romeo Vincenti*** *(Appell, deciza 10 ta' Marzu, 1952) inghad kif isegwi:*

*'Biex jinghata permess bid-dritt ghall-appell lill-Maesta' Taghha r-Regina fil-Kunsill Privat hemm bzonn, fost affarijiet ohrajn, li s-sentenza li kontra taghha jrid isir l-appell tkun finali u definittiva.'*

*Il-Qorti qed taghmel referenza ghal din id-decizjoni stante li minnha johrog car li l-fatt li sentenza tkun kunsidrata bhala wahda finali, dan ma jfissirx li neccessarjament ifisser li ma jkunx jista' jsir appell minnha u lanqas li jekk gie ntavolat appell minnha allura mihiex sentenza finali.*

*Illi in oltre minn referenza ghall-artikoli varji tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jirrizulta li sentenzi tal-Prim'Istanza huma ghal diversi drabi msejjha bhala sentenza finali u dan anki f'kuntest li jista' jsir appell minnhom kif isegwi:*

*- l-artikolu 173 (1) f'parti minnu jghid kif isegwi:*

*'Appell minn dawk l-ordnijiet jew direttivi, meta dawn huma appellabbli, jista' jsir biss wara s-sentenza finali u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawk l-ordnijiet jew direttivi ma jistghux jigu kkontestati qabel ma tinghata s-sentenza finali.'*

*- l-artikolu 231 (1) jaqra kif isegwi:*

*'(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell;'*

*Minn dak suespost huwa evidenti li l-Kap. 12 juza l-kliem 'sentenza finali' fil-kuntest ta' sentenzi moghtija mill-prim'istanza u li jistghu jkunu anki suggett jew pendenti l-appell. Neccessarjament din il-Qorti ma tistax taghti interpetazzjoni differenti lill-kliem 'sentenza finali' uzati fit-tariffa A tal-istess Kap. 12 kif qed tipretendi s-socjeta' rikorrenti.*

*L-artikolu 4 (3) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ai termini tieghu ex admissis ir-Registratur intimat hadem it-taxxa li l-hlas taghha qed jigi mpunjat f'dan ir-rikors jaqra kif isegwi:*

*'Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza, u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skont il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza; u jekk fi tmiem il-proceduri l-valur jibqa' ma jigix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-ismemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skond il-minimu mizjuda b'erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), salv id-dritt tar-registratur li johrog taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-kaz.'*

*Kif gia espost aktar 'il fuq il-kliem 'sentenza finali' fil-kuntest tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wzat b'referenza ghal sentenzi tal-prim'istanza minghajr ebda distinzjoni dwar jekk dawn gewx appellati jew le u ghaldaqstant din il-Qorti tista' biss tasal ghall-konkluzjoni wahda u cioe' li r-Registratur intimat kellu kull dritt li jitlob ghall-hlas tad-dritt kif kalkolat skont is-sub-artikolu msemmi anki pendenti l-appell. Mill-istess sub-artikolu johrog ukoll li fi kwalunkwe kaz kemm jekk il-kawza tintrebah jew tintilef id-dritt tar-Registru li jithallas huwa 'mill-parti li tkun ghamlet il-kawza' kif inhu l-kaz odjern salv u mpregudikat id-dritt tal-irkupru tas-somma mill-parti l-ohra jekk din tal-ahhar tohrog telliefa fl-ispejjez.'*

Ghar-raguni suesposta t-tieni lment tar-rikorrent mhux legalment gjustifikat u ser jigi michud.

Illi l-ewwel ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi fl-ittra ufficcjali notifikata lilu u li kopja taghha tinsab esebita a fol. 8 u 9 tal-process, fid-dikjarazzjoni guramentata taghha Dr. Mary Debono Borg fil-kapacita' taghha ta' Registratur, Qrati u Tribunal Ghawdex tiddikjara li hija kreditrici ta' Martin Camilleri u mhux tar-rikorrenti odjern Salvu Spiteri.

Da parti taghha r-Registratur ssostni li huwa evidenti mid-dikjarazzjoni li l-isem Martin Camilleri gie ndikat bi zball anki ghaliex il-karta tal-identita' hija dik tar-rikorrent Salvu Spiteri.

Ikkunsidrat illi l-parti tal-artikolu 466 Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta rilevanti ghal dan l-ilment taqra kif isegwi:

*'huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:'*

Illi ghalhekk huwa car li dan l-artikolu jirrikjedi *ad validitatem* l-isem tad-debitur u mhux il-karta tal-identita' tieghu. Fil-kaz odjern l-isem tad-debitur indikat mhux dak tar-rikorrent izda ta' certu Martin Camilleri u huwa fuq dan l-isem li ttiehed il-gurament mir-Registratur. Il-Qorti tqis li l-izball f'isem id-debitur huwa zball gravi u ma tqisx li jista' jigi kkunsidrat bhala semplici zball tal-pinna li jista' jigi sorvolat fi proceduri sommarji bhal dawn intizi sabiex jillimitaw ferm id-drittijiet tad-debitur u jhaffu l-gbir ta' krediti dovuti minghajr il-bzonn ta' rikors quddiem il-Qorti. Fi proceduri bhal dawn fl-ahjar interess tal-gustizzja huwa ta' mportanza vitali li r-rekwiziti kollha mposti fl-artikolu 466 jigu segwiti b'mod rigoruz. Il-Qorti tqis in oltre li kieku dan l-izball sar mir-rikorrent u mhux mir-Registratur zgur li dan ta' l-ahhar ma kienx ser ihallih jghaddi bhala zball tal-pinna izda kien iqajjem eccezzjoni apposita. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti tqis li dan l-ilment da parti tar-rikorrent huwa gjustifikat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara t-talba tar-Registratur kontenuta fl-ittra ufficcjali bin-numru 207/2015 diretta lir-rikorrent bhala wahda nfondata.

Spejjez kollha ta' dawn il-proceduri kontra r-Registratur intimat.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur